# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 24 ta' Lulju 2000**

**Numru 21**

**Citaz. numru 986/87 DS**

Hugh P. Zammit ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija Galdes and Mamo Ltd. u din in rapprezentanza tal-kumpanija assikuratrici estera Royal Insurance International Holdings Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Dr. Donald Felice, u b'nota tad-9 ta' Novembru 1999 assumiet l-atti tal-kawza s-socjeta` Gasan Mamo Insurance Agency Ltd. in rapprezentanza tas-socjeta` estera CGU Insurance plc li assumiet id-drittijiet u l-obbligi tas-socjeta` estera Royal Insurance Holdings Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Dr. Donald Felice
vs
Simon Tanti

Illum, 24 ta' Lulju 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fil-11 ta' Dicembru 1987 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta:

Illi l-konvenut fit-3 ta Awissu 1987 bi traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku waqt li kien qed isuq il-mutur u skond id-digriet tas-16/7/93 il-kelma mutur giet sostitwita bil-kelma

vettura, numru H.8527 habat fil-karrozza numru N.1745 misjuqa minn Dr. Donald Felice assikurata taht polza comprehensive mal-attur nomine;

Illi in vista tal imsemmija polza l-attur nomine ghamel tajjeb ghad-danni minnu kagunati fil-karrozza assikurata mieghu ghal liema hsarat hallas is-somma ta' erba mija u disghajn lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm490.81)

Illi ghalkemm interpellat naqas li jhallas id-danni minnu kagunati;

talab lil din il-Qorti:

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur nomine;

2. tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' erba mija u disghin lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm490.81), jew kull somma ohra verjuri okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine in linea ta' danni, l-ammont hekk likwidat;

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Ottubru 1987 u bl-imghax legali mid-data tal-istess ittra ufficjali kontra il-konvenut li hu minn issa stess ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

(1) Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenut qatt ma saq mutur tul hajtu, u wisq anqas qatt kien involut f'incident awtomobbilistiku fejn kien riekeb mutur;

(2) Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut ma kienx responsabbli ghall-incident awtomobbilistiku illi gara fit-3 ta' Awissu 1987, liema kaz gara unikament minhabba incident fortuwitu, independentement mill-volonta tal-istess konvenut;

(3) Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont ta' danni allegatament sofferti mill-attur fl-incident awtomobbilistiku in kwistjoni u pretizi minnhu fic-citazzjoni odjerna huma ferm eccessivi.

(4) Salv eccezzjonijet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tas-7 ta' Gunju 1988 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor John Laferla bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fil-21 ta' Mejju 1999;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

<u>Dwar l-ewwel ecezzjoni</u>

Din l-eccezzjoni ghandha tigi skartata peress li wara rikors ta' l-attur nomine tat-8 ta' Lulju 1993, permezz ta' digriet tas-16 ta'Lulju 1993 intlaqghet it-talba hemm kontenuta sabiex l-kelma "mutur" fl-ewwel paragrafu tac-citazzjoni u dikjarazzjoni tigi sostitwita bil-kelma "vettura".

<u>Dwar il-mertu</u>

Dwar il-fattispecie tal-kaz m'hemmx kontroversja. Dr. Donald Felice, l-assikurat tas-socjeta` assikuratrici attrici, kien qabez ir-roundabout fejn ir-Regional Road taqsam Sliema Road, Kappara, sejjer fid-direzzjoni ta' l-Universita`. Huwa xehed li kien qed isuq bil-mod fl-"inner lane" meta ra karrozza taqbez is-"centre strip" gejja lejh. Huwa naqqas u gibed aktar lejn ix-xellug; fil-mument tal-habta kien kwazi wieqaf. Il-konvenut jikkonferma li qabez is-"centre strip" biex mar kompletament "wrong side" u baqa' diehel fil-karrozza ta' Dr. Felice. Huwa xehed li kien gej min-naha ta' l-Msida u kien qed isuq mas-"centre strip" meta hass l-isteering jigbed lejn is-"centre strip" u spicca fuq in-naha l-ohra tat-triq. Ghalhekk huwa car li Dr. Felice ma kellu l-ebda responsabilita` ghall-incident in kwistjoni, u dan jindikah ukoll il-konvenut fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu.

Il-kontestazzjoni tal-konvenut hija fis-sens li l-incident gara minhabba kaz fortuwitu. Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu jsostni li kien puncture fil-karrozza tieghu li kkawza l-incident u dan ma setax jipprevedieh.

L-artikolu 1029 tal-Kodici Civili jghid hekk:

> ***“Kull hsara li tigri b’accident jew bi forza magguri, ibatiha, fin-nuqqas ta’ dispozizzjoni espressa tal-ligi li tghid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tieghu tigri l-hsara.”***

Skond il-principji tad-dritt, biex ikun hemm il-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun hemm avveniment insolitu, sproporzjonat, u li jkun prodott mill-forzi tan-natura, imma jehtieg li jkun inevitabbli, b’mod li ma jistax jigi evitat bid-diligenza ordinarja tal-“bonus paterfamilias” (ara per ezempju “Fenech vs Gatt”, Vol. XVIII.ii.164; “Micallef vs Belli McCance noe”, Vol. XXXVII.ii.637). Il-prova tal-kaz fortuwitu hija mixhuta fuq min jinvokah

Fis-seduta peritali tad-9 ta’ Gunju il-konvenut xehed testwalment hekk:

> *“Mistoqsi x’gara nghid li ma nafx. Naf illi kienu xi 12.00 (nofsinhar) u kont gej mid-dar. Kont ghaddej fuq in-naha ta’ mas-centre strip, hassejt l-isteering wheel jigbed lejn is-centre strip u spiccajt fuq in-naha l-ohra tat-triq billi ma stajtx nikkontrolla l-karrozza. Nispjega li l-karrozza tieghi spiccat fuq il-karreggata opposta wara li ghaddiet fuq is-centre strip u hbatt mal-vettura li kienet gejja mid-direzzjoni opposta misjuqa mit-Tabib Donald Felice.... Kont ghaddej b’xi 35 jew 40 kilometri fis-siegha u karrozzi ma kienx hemm la quddiemi u lanqas warajja. Wara l-incident sibt li kelli puncture fir-rota ta’ quddiem tan-naha tal-lemin u cioe` ‘l fejn gibdet il-karrozza.”*

In kontroezami mbaghad qal:

> *“Ma nafx jekk il-puncture hadtux qabel jew wara li qbizt is-centre strip. Sparatura ta’ tyre lanqas ma smajtx. Ma hassejtx li kelli puncture fl-ebda hin. Il-bankina formanti s-centre strip hija baxxa hafna forsi tliet pulzieri.”*

Kuntrarjament ghal dak li jissottometti fin-nota ta’ osservazzjonijiet tieghu, il-prova tal-konvenut dwar l-allegazzjoni ta’ kaz fortuwitu hija dghajfa hafna. Hu stess fix-xiehda tieghu jghid li ma jafx x’gara. Ighid li ma jafx meta gara l-puncture u lanqas sema’ sparatura ta’ puncture. Il-perit legali kkonkluda li l-konvenut kien qed isuq bi speed esagerat galadarba baqa’ sejjer ghan-naha opposta ghat-triq. Fin-nota ta’ osservazzjonijiet tieghu l-konvenut ighid li min ikun gej min-naha ta’ l-Universita` jinduna li hemm roundabout “u ghalhekk huwa wkoll prezunt illi l-esponent ipprova jnaqqas l-ispeed tal-vettura tieghu appena kien jaf illi kien ser javvicina r-roundabout”. Jigifieri l-konvenut qieghed jippretendi li tigi akkolta d-difiza tieghu tal-kaz fortuwitu a bazi ta’ prezunzjonijiet u mhux ta’ xi prova konkreta. Irid li l-Qorti tipprezumi li l-puncture sehh qabel ma tilef il-kontroll tal-karrozza. Irid ukoll li l-Qorti tipprezumi li l-konvenut naqqas l-ispeed qabel ma sehh il-puncture ghax

kien qed javvicina roundabout. Naturalment il-Qorti ma hi se tipprezumi xejn. Wara kollox huwa l-istess konvenut li fix-xiehda tieghu jghid li ma jafx meta sehh il-puncture; u fix-xiehda tieghu l-konvenut fl-ebda waqt ma jsemmi li kien naqqas l-ispeed ghax kien qed javvicina r-roundabout. Mhuwiex inverosimili dak li ssottometta l-perit legali li l-konvenut sofra l-puncture wara li qabez is-"centre strip". Izda fil-fehma tal-Qorti, anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument il-puncture sehh meta kien ghadu fil-kareggata tieghu, li kieku l-konvenut kien miexi bi speed baxx kien ikun possibbli ghalih li jwaqqaf il-karrozza tieghu tempestivament. Il-fatt li baqa' ghaddej minn fuq is-"centre strip" biex spicca mahbut ma' karrozza fuq in-naha opposta tat-triq u dan fuq in-naha ta' gewwa jfisser li hu ma kellux il-kontroll shih tal-karrozza tieghu sa minn qabel ma "gibditlu" l-karrozza lejn is-"centre strip". Ghalhekk il-Qorti taqbel pjenament mal-konkluzjoni tal-perit legali li l-incident gara unikament htija tal-konvenut li bl-ebda mod ma rnexxielu jipprova l-allegazzjoni tieghu ta' kaz fortuwitu u ghandu konsegwentement ibati d-danni konsegwenzjali. It-tieni eccezzjoni hi b'hekk michuda.

<u>Dwar id-danni</u>

Ghalkemm fit-tielet eccezzjoni tieghu l-konvenut sostna li d-danni pretizi huma ferm eccessivi, sussegwentement iddikjara li ma kienx qed jikkontestahom. F'dar-rigward issir referenza ghall-verbal tas-seduta peritali tad-9 ta' Gunju 1993 u ghan-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut. Ghalhekk anke it-tielet eccezzjoni hi michuda.

L-attur nomine qieghed jitlob rizarciment fis-somma ta' Lm490.81. Huwa xehed fis-seduta peritali tal-25 ta' Ottubru 1990 u esebixxa d-dokumenti relattivi. It-talba tirrigwarda Lm4 ghas-survey report, Lm3 ghall-iskizz tal-Pulizija u Lm483.81 ghall-ispejjez ta' tiswija. In vista tal-fatt li dawn ma gewx kontestati u jinsabu korroborati wkoll bid-dokumenti esebiti, id-danni qed jigu likwidati fis-somma mitluba ta' Lm490.81.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u:

(1) tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni,
(2) tillikwida d-danni fis-somma mitluba ta' Lm490.81, u
(3) tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine din is-somma ta' lm490.81.

Bl-ispejjez u bl-imghax kif mitlub kontra l-konvenut.

**Onor. Imhallef**
**Dottor David Scicluna**

**D/Registratur**